# MONS PANTALEONE ORLAND 1918-2003

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Settembru, 2003, il-Mulej għoġbu jsejjaħ għal għandu lil Mons. Pantaleone Orland, li fl-aħħar ftit snin ta' ħajtu kien rikoverat fid-Dar tal-Kleru, Fleur-de-Lys, Birkirkara.



## Assistent Ekkleżjastiku tal-Azzjoni Kattolika

Jien sirt naf sewwa lil Dun Pant meta kont żagħżugħ qabel bdejt nistudja għal qassis, u xi ħadd, probabilment kien Dun Pant stess, ħajjarni nidħol membru tal-fergħa tal-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika fiż-Żejtun. Niftakar sewwa l-lezzjonijiet li Dun Pant kien jagħmlilna regolarment f'dar fi Triq Sant' Anġ, fejn konna niltaqgħu aħna l-ġuvintur. Miegħi, fost oħrajn, kien hemm Victor Abela, Joe Gerada, u l-mejtin Alfons Degabriele u Louis Camilleri. Niftakar sewwa l-irtiri li spiss kien jagħmlilna nhar ta' Ħadd filgħodu fil-knisja ta' Sant' Anġ. Niftakar ukoll sewwa l-passiġġati fil-kampanja u l-ħarġiet għall-baħar li aħna ż-żgħażagħ konna nagħmlu fis-sajf. **Niftakar li konna nanimaw bil-Malti nhar ta' Ħadd il-quddies fil-knisja parrokkjali meta l-qassis kien iqaddes bil-Latin daharu lejn in-nies.** Kien żmien meta r-riforma liturġika kienet għadha ma bdietx. Tant sirt naf sewwa lil Dun Pant f'dak iż-żmien ta' żgħożiti, li meta sirt saċerdot jien, kont ridt lilu li jagħmilli l-paniġierku fl-ewwel quddiesa solenni tiegħi fil-parroċċa taż-Żejtun.

## Twelid ta' Dun Pant

Pantaleone Orland kien twieled fiż-Żejtun, iben Emanweli Orland u Mikelina, imwielda Carabott, nhar it-23 ta' Mejju, 1918, iżda trabba f'Marsaxlokk, fejn kellu l-qraba t'ommu. Meta tfarfar, għall-ewwel tħajjar isir patri u għalhekk daħal novizz mal-Patrijiet Franġiskani Minuri, li bagħatuh jistudja fl-Italja, iżda saħħtu ma ppermettitlux, tant li wara kien jgħid "Lili biddluli demmi kollu"! Kellu jirritorna Malta fejn ħareġ mill-kunvent, iżda ddeċieda li jibda l-istudji tiegħu għal saċerdot djoċesan. Studja l-filosofija u t-teoloġija fis-Seminarju t'Għawdex, u ordna saċerdot nhar il-5 t'Awissu, 1945.

## Saċerdot novell

Naturalment, bħala saċerdot novell, l-ewwel appostolat tiegħu wettqu fiż-Żejtun stess, fejn dak iż-żmien kien joqgħod mal-familja tiegħu fi Triq Sant' Anġlu. Kif diġa' għidna, sar assistant ekkleżjastiku tal-fergħa tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika fiż-Żejtun. Iżda barra minn hekk, kien ukoll organista fil-knisja parrokkjali u **minn kmieni wera mħabba kbira lejn il-morda**. Waħda mill-pazjenti li kien iqarben kienet omm Dun Nazzarenu Curmi, li kienet ġara tiegħu fi Triq Sant' Anġlu, iżda dak iż-żmien it-tqarbin tal-morda ma kienx isir kuljum, kif inhu permess illum. Dak

iż-żmien ukoll, wara l-mewt ta' Dun Ġużepp Naudi, kappillan ta' Ħal Għaxaq, fl-1952, Dun Pant sar vigarju kappillan ta' l-istess parroċċa, fejn dam għal ftit xhur, għaliex fl-istess sena hu sar kappillan ta' Ħal Kirkop. Hekk hu għadda l-ewwel seba' snin tas-saċerdozju tiegħu jaħdem fiż-Żejtun.

## Kappillan ta' Ħal Kirkop u Marsaxlokk

Wara ftit tax-xhur f'Ħal Kirkop, fejn kellu jħabbat wiċċu ma nkwiet bla bżonn, hu sar kappillan ta' Marsaxlokk, ir-raħal marittimu fejn trabba bħala tifel u li hu tant kien iħobb. Fil-fatt f'Marsaxlokk dam mhux anqas minn 11-il sena, u hemm ukoll kellu jitħabat sewwa, mhux biss minħabba li kien iż-żmien diffiċli għal Malta tal-kwistjoni politico-reliġjuża, iżda wkoll għaliex, tista' tgħid, kien saċerdot waħdu, peress li Dun Ġużepp, saċerdot Xlukkajr, kien ikun spiss jgħallem fil-ħabs ta' Kordin, jew idoqq l-orgni fil-parroċċa ta' Bormla. Jien ordnajt saċerdot fl-1956, meta Dun Pant kien kappillan ta' Marsaxlokk, u niftakar spiss kien jistedinni ninżel miż-Żejtun biex inqarar it-tfal ta' l-iskola. Niftakar ukoll li waħda mill-okkażjonijiet li kienet inkwetatu, kienet meta serqulu mill-knisja s-sfafar ta' l-orgni! Hu kien akkumpanja darbtejn lill-emigranti fil-vjaġġ tagħhom lejn l-Awstralja, fi żmien meta ħafna Maltin emigraw lejn din l-art imbegħda, jfittxu x-xogħol. Fosthom kien hemm ħuh ukoll. Kienu jmorru bil-vapur u jieħdu madwar xahar biex jaslu.

## Arċipriet fiż-Żejtun

**Nhar is-17 ta' Frar, 1968, Dun Pant ħa l-pussess bħala Arċipriet tal-parroċċa taż-Żejtun, fejn dam sas-sena 1978**. Fiż-Żejtun, raħal twelidu, għal darb' oħra kellu jħabbat wiċċu ma' ħafna problemi. L-ewwelnett bata ħafna b'saħħtu: kellu jagħmel mhux anqas minn ħames operazzjonijiet, fosthom tal-ġebla, li kien ibati ħafna biha – ġieli ħassu ħażin fil-knisja parrokkjali – tal-ftuq, u ta' l-istonku. Darba minnhom, hu u missieru kienu rikoverati flimkien fl-isptar ta' Santa Katarina, fejn missieru wkoll ħalla din id-dinja. Ħaġa oħra li kkawżatlu tensjoni fil-parroċċa kienet ir-riforma liturġika, mhux għaliex hu ma kienx jaqbel mal-passi tal-Knisja, għalkemm mill-karattru tiegħu kien pjuttost konservattiv, iżda għaliex kull ħaġa ġdida min-natura tagħha, toħloq kontroversja, u mhux kulħadd fiż-Żejtun, inklużi ċerti saċerdoti, kien jaqbel ma' ċerti riformi. M'hemmx dubju li kwistjoni li nkwetatu ħafna kienet il-kwestjoni ta' Santa Katarina. **Tħabat kemm felaħ biex jiddefendi l-patruna taż-Żejtun, u m'hemmx dubju li kien kuntentissimu meta ftit taż-żmien qabel miet, isimha reġgħu daħħluh fil-kalendarju Ruman.** Niftakru bħala arċipriet taż-Żejtun, jinsisti biex joħroġ il-ktieb miktub mill-Prof. Dumnikan Patri Serafin Zarb u s-Sur Mario Buhagiar dwar Santa Katarina.

## Devot kbir ta' Santa Katarina

**Lejn Santa Katarina Dun Pant kellu mħabba tal-ġenn!** Kien devot kbir tagħha u spiss fid-diskorsi tiegħu kien isejħilha **"ommna Katarina". Kien konvint li hi dejjem waqfet miegħu fil-mard kollu li kellu u li kien bis-saħħa tagħha li tant drabi hu ġie mfejjaq.** Kien ħadha bi kbira meta fi żmien l-arċipriet Em. Brincat, il-purċissjoni ta' Santa Katarina ma baqgħetx tgħaddi aktar minn Triq Sant' Anġlu fejn qabel kien joqgħod hu! Min-natura tiegħu, Dun Pant kien jobgħod id-dejn, u qabel ma ħallas id-dejn kollu li kellha l-knisja parrokkjali, dejn li m'għamlux hu, iżda li sabu meta sar arċipriet, m'għamilx opri ġodda. Hu għamel l-altar mejda, l-ambone u s-sedja taċ-ċelebrant; saru diversi opri fil-knisja fi żmienu, għalkemm mhux minnu iżda mid-diversi prokuraturi, l-aktar fil-kappelli tan-navi, f'dik li hi pittura u skultura.

## Il-qrar ħafna għal qalbu

**Kien iqarar ħafna.** Spiss kien iqaddes il-quddiesa ta' l-ewwel, li dak iż-żmien kienet toħroġ kuljum fil-5.00a.m., u wara joqgħod iqarar fil-konfessjonarju tiegħu, li konna nsejħulu ta' l-arċipriet. Ġieli kien jidħol fis-sagristija u joqgħod hemm iqarar l-irġiel, jew jgħid il-brevjar. Kien żmien meta n-nisa ma kenux jidħlu fis-sagristija. Il-qrar dam ħafna għal qalbu, tant li wkoll meta spiċċa minn arċipriet u sar monsinjur, dam żmien twil kull nhar t'Erbgħa jiġi jqarar fil-knisja parrokkjali. Fil-knisja ta' Santa Marija fir-Raħal ta' Fuq, ħafna kienu jfittxuh għall-qrar. Xi wħud kienu jgħidu, **"Ħa mmur għand il-monsinjur, u nistrieħ ftit mill-problemi li għandi".** Il-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira kienu ferm għal qalbu. It-temp kien jinkwetaħ, u fil-ġranet ta' qabel il-festa ta' Santa Katarina, kien jiffissa biex ikun jaf x'temp se jagħmel! Dieħel u ħiereġ iħares lejn il-barometru, biex jara x'qed jimmarka! Kien iħobb ħafna l-klassijiet tad-duttrina tat-tfal, u spiss kien iżurhom. Ma' l-abbatini kien juri ċerta dixxiplina.

## Festa lill-Isqof Gerada

Waħda mill-okkażjonijiet li fiha wera ferħ kbir, kienet meta organizza merħba kbira lil Mons. Em. Gerada, meta tħabbar li dan sar isqof. Marru jilqgħuh fl-ajruport u mbagħad ġiebuh bil-karuzzella, mislufa mis-Sur Carmelo Grima, minn Bir id-Deheb sal-knisja parrokkjali b'dimostrazzjoni. Armaw altar fuq iz-zuntier tal-knisja u l-arċipriet Dun Pant għamel diskors ta' merħba.

## Ħidma fil-knisja ta' Santa Marija

**Meta fl-1978 Dun Pant spiċċa minn arċipriet, hu xorta waħda baqa' jħobb liż-Żejtun.** Beda jaħdem fl-uffiċċju taż-żwiġijiet fil-Kurja ta' l-Arċisqof, il-Furjana, u jqaddes kuljum fil-knisja ċkejkna ta' Santa Marija fir-Raħal ta' Fuq, fejn kien iħobb iqarar kuljum qabel il-quddiesa. Minkejja li kellu karattru ħafif u pjuttost nervuż, kien juri ġabra u devozzjoni kbira waqt il-quddiesa, speċjalment fil-ħin tal-konsagrazzjoni. **Kien jimmedeżima ruħu ħafna man-nies bil-problemi,** u kien joqgħod jismagħhom bil-kwiet kollu. Kien iħobb isejjaħ il-komunita` ta' Santa Marija l-parroċċa ċkejkna tiegħu. Ġieli wkoll ta xi kors lin-nies dwar il-valur tal-quddiesa, li kien jispjegalhom bir-reqqa kollha. Kuljum kien jgħid ir-Rużarju, ġeneralment fis-sagristija, iżda fix-xhur ta' Mejju u Ottubru, u meta Ġesu` Ostja jkun sponut, kien jippreferi jgħid ir-Rużarju man-nies. **Fir-Randan kien jagħmel il-Via Sagra** u jgħid lin-nies biex, jekk jista' jkun, ma jmorrux iqerru fil-ħin tal-Via Sagra. Kien nadif u puntwali ħafna; il-quddiesa dejjem ħariġha fil-ħin. **Kien żmien meta kien iqarben numru sewwa ta' nies morda**, ġeneralment wara l-quddiesa. **Kien jieħu ħafna bis-serjeta` l-omelija tal-Ħadd**, tant li sal-Ħamis ta' qabel kien ikun diġa' ppreparaha. Waħda mara mill-Belt Valletta kienet tippreferi tisma' l-Quddiesa tiegħu l-Ħadd filgħodu f'San Ġwann, għaliex kienet tgħid tieħu pjaċir tisma' l-omelija tiegħu. **Fl-aħħar ta' ħajtu kien irregala s-salib ta' monsinjur lil Santa Katarina.** Saret festa ċkejkna quddiem id-dar tas-Sur Leli Gatt u martu Cettina fejn kien qed jgħix. Harġuh bilqiegħda fuq pultruna, liebes ta' monsinjur, biex joffri s-salib lil Santa Katarina, nhar il-festa tagħha, waqt il-purċissjoni. Waqqfu l-vara quddiemu fuq xi strippi, daqqet il-banda u wkoll sparaw il-musketterija.

## Il-passatempi ta' Dun Pant

Ma kienx jorqod tard. Kien iħobb jara l-aħbarijiet fuq it-T.V. u wara jistrieħ. S'intendi bħal kull bniedem ieħor kellu xi passatempi li jserrħuh: kien jagħmel xi passiġġata sa Tas-Silġ u lura, u jara xi logħba futbol fuq it-T.V. – kien iżomm ma' l-Ingliżi! Nhar il-festa ta' San Girgor, wara li tispiċċa l-purċissjoni, kien iħobb joħroġ ma' xi ħbieb bil-karozza għal xi post fil-kampanja, bħall-Fawwara, Meta l-Mulej sejjaħlu għal għandu f'Settembru tas-sena l-oħra, il-Knisja Maltija, partikolarment il-Knisja taż-Żejtun, tilfet patrijott kbir u bniedem ta' qalb ġeneruża u sinċiera. Iżda, mingħajr dubju ta' xejn, kemm il-Mulej, kif ukoll il-Verġni Marija u Santa Katarina, laqgħuh bil-ferħa fil-glorja tal-ġenna.

**Radd il-ħajr: Sur Emanuel Gatt u s-Sinjura Cettina; Is-Sinjorini Generosa u Rena Bonnici.**